PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali*

**2009/2166(INI)**

1.2.2010

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar ir-rapport annwali tal-Bank Ewropew tal-Investiment għall-2008
(2009/2166(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Angela Krehl



*Magħquda fid-diversità*

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' b'interess ir-Rapport Annwali 2008, u b'mod partikulari r-Rapport dwar l-Attività u r-Responsabbiltà Korporattiva tal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment li jirrapporta dwar l-azzjonijiet meħuda sabiex jintlaħqu l-objettivi strateġiċi tal-Bank li jikkomplementaw u jsaħħu l-objettivi tal-politika tal-Unjoni Ewropea;

2. Jilqa' l-proporzjon adegwat tal-kapital għoli tal-Bank Ewropew tal-Investiment u jfaħħar il-kultura tal-bonus tiegħu; fid-dawl tal-kriżijiet riċenti fis-settur bankarju b'mod ġenerali, jikkunsidra li l-Bank Ewropew tal-Investiment jista' joffri mudell għall-governanza f'dan is-settur;

3. Jinnota li l-koeżjoni ekonomika u soċjali u l-konverġenza, kif ukoll il-pilastru tal-konverġenza tal-Politika ta' Koeżjoni tal-Unjoni Ewropea b'mod partikulari, huma fost l-għanijiet ewlenin tal-Bank Ewropew tal-Investiment;

4. Japprezza l-kontribuzzjoni li l-Bank Ewropew tal-Investiment għamel għall-objettiv ta' konverġenza permezz tas-self ta' EUR 21 biljun, 41% tas-self totali tal-Bank Ewropew tal-Investiment fl-Unjoni Ewropea, għall-proġetti ta' konverġenza;

5. Jenfasizza l-valur miżjud tat-teħid ta' azzjonijiet f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, u tal-approċċ tal-Bank fl-għoti ta' appoġġ addizzjonali u fl-azzjoni ta' lieva fl-interventi tal-Fondi Strutturali;

6. Jistieden lill-Bank Ewropew tal-Investiment biex jiżviluppa analiżi aktar iddettaljata u metodoloġikament armonizzata fir-rapporti annwali tiegħu dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji li jikkomplementaw l-operazzjonijiet tal-Fondi Strutturali; f'dan il-kuntest il-bank jista' jispjega lill-Parlament il-funzjonament tal-Faċilità għall-Finanzjament tal-Kondiviżjoni tar-Riskju li stabbilixxa mal-Kummissjoni. L-azzjoni reċiproka bejn din il-faċilità, il-finanzjament taħt is-7 Programm ta' Qafas għar-Riċerka u l-Fondi Strutturali hija ta' rilevanza partikulari ;

7. Jitlob li fil-ġejjieni r-rapport tal-Bank Ewropew tal-Investiment jagħti informazzjoni ddettaljata dwar is-self ewlieni li jissupplimenta l-għotjiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għar-reġjuni li jimplimentaw programmi ta' teknoloġija avvanzata jew programmi relatati mal-provvisti ta' enerġija rinnovabbli jew nadifa;

8. Jirrikonoxxi l-importanza tal-irwol tal-Bank Ewropew tal-Investiment fl-appoġġ li qed jagħti lill-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju matul il-kriżi finanzjarja; jinnota f'dan il-kuntest li fuq talba tal-azzjonisti tal-Bank Ewropew tal-Investiment, EUR 30 biljun ġew assenjati għal self biex jiddisponu minnu l-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju għall-perjodu 2008-2011 u li nofs dan l-ammont se jkun disponibbli bejn l-2008 u l-2009; jirrikonoxxi l-effett intrinsiku tal-azzjoni ta' lieva li jistipula li għal kull euro li l-Bank Ewropew tal-Investiment jislef lil wieħed mis-sħab finanzjarji, dan għandu juri li għadda

żewġ euro ta' kreditu lill-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju; jenfasizza, madankollu, l-importanza ta' livelli għolja ta' sorveljanza biex jiġi żgurat li s-sħab finanzjarji ma jaħżnux il-kreditu tal-Bank Ewropew tal-Investiment biex jistabilizzaw il-karti tal-bilanċ tagħhom;

9. Ifakkar fir-rakkomandazzjonijiet li għamel fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Marzu 2009 dwar ir-Rapporti Annwali 2007 tal-Bank Ewropew tal-Investiment u tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp[1], li fil-paragrafu 8 tagħha tħeġġeġ il-Bank Ewropew tal-Investiment "biex jimmoniterja aħjar is-self globali tiegħu għall-appoġġ tal-intrapriżi ta' daqs żgħir jew medju u jiżgura li n-natura u d-destinazzjoni finali ta' dan is-self ikun trasparenti"; jistieden lill-Bank Ewropew tal-Investiment sabiex ikompli jtejjeb it-trasparenza fis-self tiegħu permezz ta' intermedjarji finanzjarji u sabiex jistabbilixxi kondizzjonijiet ċari ta' finanzjament għall-intermedjarji finanzjarji u l-kriterji tal-effikaċja tas-self; jistieden, barra minn hekk, lill-Bank Ewropew tal-Investiment biex jirrapporta dwar is-self tiegħu lill-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju b'mod annwali, u biex jinkludi l-evalwazzjoni tal-aċċessibilità u tal-effikaċja tagħha;

10. Jistieden lill-Bank Ewropew tal-Investiment biex jarmonizza s-self tiegħu lill-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju permezz ta' allokazzjonijiet ta' fondi strutturali fir-reġjuni ta' konverġenza u biex jiżgura li jkun hemm appoġġ ibbilanċjat bejn it-tipi differenti ta' Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju;

[1] Testi Adottati, P6_TA(2009)0185.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 25.1.2010 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 40<br>–: 2<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | François Alfonsi, Luís Paulo Alves, Charalampos Angourakis, Jean-Paul Besset, Victor Boştinaru, Sophie Briard Auconie, Zuzana Brzobohatá, John Bufton, Alain Cadec, Salvatore Caronna, Ricardo Cortés Lastra, Tamás Deutsch, Rosa Estaràs Ferragut, Elie Hoarau, Seán Kelly, Evgeni Kirilov, Constanze Angela Krehl, Ramona Nicole Mănescu, Riikka Manner, Iosif Matula, Miroslav Mikolášik, Franz Obermayr, Jan Olbrycht, Wojciech Michał Olejniczak, Markus Pieper, Nuno Teixeira, Michael Theurer, Viktor Uspaskich, Lambert van Nistelrooij, Oldřich Vlasák, Kerstin Westphal, Hermann Winkler, Joachim Zeller |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Vasilica Viorica Dăncilă, Karima Delli, Ivars Godmanis, Karin Kadenbach, Veronica Lope Fontagné, Elisabeth Schroedter, Richard Seeber, Patrice Tirolien, Sabine Verheyen, Iuliu Winkler |